32005D0459



# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-22 ta' Ġunju 2005

## li tirrikonoxxi fil-prinċipju l-kompletezza tad-dossier li tressaq għall-eżami dettalljat bil-għan ta' l-inklużjoni possibbli tal-pinoxaden fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE

*(notifikata taħt id-dokument C(2005) 1839)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2005/459/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju ta' l-1991 dwar it-tqegħid fuq is-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], u partikolarment l-Artikolu 6 (3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 9/414/KEE tipprevedi l-iżvilupp ta' lista Komunitarja ta' sustanzi attivi awtorizzati għall-inkorporazzjoni fil-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti.

(2) Tressaq dossier għas-sustanza attiva pinoxaden mis-Syngenta Ltd lill-awtoritajiet tar-Renju Unit fil-31 ta' Marzu ta' l-2004 flimkien ma applikazzjoni sabiex tinkiseb l-inklużjoni tiegħu fl-Anness I 'tad-Direttiva 91/414/KEE.

(3) L-awtoritajiet tar-Renju Unit indikaw lill-Kummissjoni li, minn eżamipreliminari, id-dossier għas-sustanza attiva kkonċernata deher li huwa f'konformità mal-kondizzjonijiet għad-*data* u għall-informazzjoni stipolati fl-Anness II tad-Direttiva 91/414/KEE. Id-dossier imressaq deher ukoll li huwa f'konformità mal-kondizzjonijiet għad-*data* u għall-informazzjoni stipolati fl-Anness III tad-Direttiva 91/414/KEE fir-rigward ta' prodott wieħed tal-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva kkonċernata. Skond l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 9/414/KEE, id-dossier tressaq sussegwentement mill-applikant lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn, u ġie riferut lill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

(4) Permezz ta' din id-Deċiżjoni għandu jiġi kkonfermat formalment fuq livell Komunitarju li d-dossier jitqies li huwa fil-prinċipju f'konformità mal-kondizzjonijiet tad-*data* u ta' l-informazzjoni stipolati fl-Anness II u, għal mill-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fih is-sustanza attiva kkonċernata, mal-kondizzjonijiet stipolati fl-Anness mad-Direttiva 91/414/KEE.

(5) Din id-Deċiżjoni m'għandiex tippreġudika d-dritt tal-Kummissjoni li titlob lill-applikant li jissottometti aktar *data* jew informazzjoni sabiex jiċċara ċerti punti fid-dossier.

(6) Il-miżuri stipolati f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimal,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 91/414/KEE, id-dossier li jikkonċerna s-sustanza attiva identifikata fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni, li tressaq lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-għan li tinkiseb l-inklużjoni ta' din is-sustanza fl-Anness I ma' dik id-Direttiva, għandu jissodisfa fil-prinċipju l-kondizzjonijiet dwar id-*data* u l-informazzjoni stipolati fl-Anness II ma dik id-Direttiva.

Id-dossier jissodisfa wkoll il-kondizzjonijiet dwar id-*data* u l-informazzjoni stipolati fl-Anness III ma' dik id-Direttiva fir-rigward ta' prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li jikkuntieni s-sustanza attiva, fid-dawl tal-proposta ta' l-użu intenzjonat.

*Artikolu 2*

L-Istat Membru li qed jirrapporta għandu jsegwi fil-fond l-eżami tad-dossier kkonċernat u għandu jirrapporta l-konklużjonijiet ta' dan l-eżami flimkien ma' xi rakkomandazzjonijiet għall-inklużjoni jew le fl-Anness I mad-Direttiva 91/44/KEE tas-sustanza attiva kkonċernata u kull kondizzjoni relatata magħhom lill-Kummissjoni Ewropea malajr kemm jista' jkun u mhux iktar tard minn perijodu ta' sena mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/34/KE (ĠU L 125, 18.5.2005, p. 5).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-22 ta' Ġunju 2005.

*Għall-Kummissjoni*
Markos KYPRIANOU
*Membru tal-Kummissjoni*

---

*ANNESS*

**SUSTANZI ATTIVI LI HUMA KKONĊERNATI MINN DIN ID-DEĊIŻJONI**

| Nru | Isem Komuni, Numru ta' Identifikazzjoni CIPAC | Applikant | Data ta' l-applikazzjoni | Stat Membru li Rapporteur |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Pinoxaden CIPAC-Nru għadu mhux assenjat | Syngenta Ltd. | 31.3.2004 | Ir-Renju Unit |